**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta’ Novembru, 2018

Rikors Nru : 490/17 AL

**AB**

Vs

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremettiet :

Illi il-partijiet izzewwgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tlieta, sitta, hamsa tas-sena elfejn u sitta (365/2006) hawn anness u mmarkat bhala **Dok. VA1**;

Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) hawn anness u mmarkat bhala **Dok. VA2**;

Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet kellhom tifel bl-isem "X" illi huwa minorenni;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn erba' (4) snin;

Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jgħid għaliex li din il-Qorti m'għandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar 2018;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat ma deherx għal dawn il-proċeduri u ma pprezentax risposta ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtiega mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi ilhom legalment separati sa mill-24 ta' Novembru 2017 u *de facto* separati għal aktar minn erba` snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;